# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)

## Seduta ta’ nhar it-Tnejn, 30 ta’ Jannar 2017

## Talba Nru: 206/16 CZ

## Red October Company Limited (C 21883)

**vs**

## Industria Dolciaria Belpasso S.p.A.

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta’ attrici mressqa fis-27 ta’ Mejju 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas l-ammont globali ta’ erba’ mija u tmenin Euro (€480), rapprezentanti l-valur u l-prezz imhallas mis-socjeta’ attrici ghal konsenja ta’ numru ta’ prodotti bl-isem ta’ ‘Croccante alle Mandorle’, kif dettaljat fil-fattura hemm

annessa u mmarkata bhala Dok. RO 1, liema prodotti ma kinux tajbin ghall-konsum, kif jirrizulta mir-ritratt hawn anness u mmarkat Dok. RO 2.

F'dan ir-rigward, jigi rilevat illi din it-talba qieghda tigi intavolata kontra s-socjeta' konvenuta in virtu' ta' l-Artikolu 7(1) tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru. 1215/12 tat-12 ta' Dicembru 2012 dwar il-gurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-ezekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet civili u kummercjali.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mid-data ta' meta l-ammonti kostituttivi reklamati mis-socjeta' attrici saru dovuti lilha sad-data tal-pagament effettiv ta' l-ammont globali hawn reklamat mill-attur fl-intier tieghu, kontra l-kumpanija konvenuta u bl-ingunzjoni, minn issa, ta' rapprezentanti awtorizzati taghha ghas-subizzjoni taghhom.

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata bit-talba promotrici ai termini tar-Regolament (KE) Numru 1393/2007 (kif anke jidher mir-riferta mahruga mill-Corte di Appello di Catania a fol. 18) ma pprezentatx risposta u lanqas dehret quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2017 u fil-fatt is-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmenin Euro (€480) bl-imghaxijiet legali kif mitluba sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur